MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 544/2005

**CalmaMarine Services Limited**

**vs**

**C.M.A. (Projects) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-9 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma ta' erbat elef, erba' mija u sittin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM4,460.80,0), rapprezentanti bilanc ta' somma akbar lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' garr bil-bahar ta' xoghol minn Malta ghal Libja fuq ordni tas-socjeta' konvenuta;

2. Bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ sekwestru bin-numru 2317/05 datat is-26 ta’ Ottubru tas-sena 2005;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta datata s-17 ta’ Jannar tas-sena 2006 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici;

Illi in vista tal-premess din il-qorti tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta C.M.A. (Projects) Limited biex thallas is-somma ta’ erbat elef, erba’ mija u sittin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM4,460.80,0), lis-socjeta’ attrici CalmaMarine Services Limited bl-ispejjez u l-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------